

Brussell, 2 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9323/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0021 (COD)**

**CODEC 675
POLCOM 101
AGRI 221
UD 119
COEST 408
AGRIFIN 59**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-modifika tad-dazji doganali applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew jiġu esportati mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-28 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.
2. Fit-22 ta' Mejju 2025 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni². L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 5765/25 + ADD 1.

² 9216/25.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 5/25, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija tivvota kontra u l-Bulgarija tastjeni.
4. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
